MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 1044/2007

**Michael Warrington, karta tal-identita` numru 180462M u Marcelline Warrington, karta tal-identita` numru 519962M**

**kontra**

**Keith Scerri u Caroline Scerri, mizzewgin flimkien**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-8 ta` Ottubru 2007 li jaqra hekk –

*1. ILLI in forza ta` kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Maurice Gambin fil-15 ta` Marzu 1992, kopja esebita Dok "A", l-esponenti Michael Warrington u r-rikorrenti l-iehor Marcelline Warrington xebba Xuereb, akkwistaw nofs indiviz kull wiehed ta` porzjoni art numerata plot tnax (12) formanti parti minn plot numru tnax (12) mill-ghalqa ta` Borg l-Ikal, mishar Juma f`Saint Andrews` limiti ta` Birkirkara tal-kejl ta` sitta u sebghin punt tnejn disgha qasab kwadri (76.92 qk) li minnhom tlieta u tletin punt tnejn tmienja qasab kwadri huma fabbrikabbli u erba` punt disgha disgha qasab kwadri (14.99) huma ghall-front garden u tmienja u ghoxrin punt sitta hamsa qasab kwadri (28.65 qk) huma destinati ghall-formazzjoni tat-triq u ekwivalenti f`termini metrici ta` tliet mija u sebgha u ghoxrin punt sebgha sitta (327.76 mk) li minnhom mija u sitta u erbghin metri kwadri (146 mk) huma fabbrikabbli u hamsa u sittin punt tmienja (65.8) huma ghall-front garden u hamsa u ghoxrin punt tmienja (25.8 mk) huma l-parti stradali ; fuq dan is-sit, l-esponenti sussegwentement bnew ir-residenza taghhom ;*

*2. ILLI l-intimati huma proprjetarji tal-plot adjacenti numru hdax (11) liema plot huma akkwistaw il-forza ta` kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Bonello Du Puis, fit-3 ta` Marzu 1981, Dok "B" ;*

*3. ILLI recentement l-esponenti kienu qed jghollu hajt fuq il-linja divizorja bejn iz-zewg siti u gew imfixkla milli jkomplu jibnu u dan ghaliex l-intimati jikkontendu illi l-hajt huwa mibni fuq proprjeta` taghhom ;*

*4. ILLI l-esponenti jikkontendu illi l-hajt huwa mibni fuq il-linja divizorja bejn iz-zewg proprjetajiet b`mod illi nofs il-hajt huwa mibni fuq proprjeta` tieghu u cioe` plot numru 12 filwaqt illi n-nofs l-iehor huwa mibni fuq plot 11 ;*

*5. ILLI l-esponenti qed jibbazaw u jimmotivaw din il-kontenzjoni taghhom fuq lodi Arbitrali maghmul mill-Perit*

*Michaelangelo Refalo fuq l-art de quo illi stabbiliet il-linja divizorja bejn l-awtur tal-konvenuti u Richard Cachia allura proprjetarju tal-plot 13B, kopja esebita Dok "C" ; l-esponenti qeghdin jibbazaw il-motivazzjoni taghhom ukoll fuq ir-rizultanzi ta` Mandat ta` Inibizzjoni numru 578/90 GCD fl-ismijiet "Giaocchino sive Jack Scerri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Jacksons Limited" illi stabbiliet cahdet talba illi l-esponenti Jacksons Limited, awtrici tal-intimati, konjugi Warrington illi dawn kienu invadew il-proprjeta` ta` plot 11 u dan a bazi ta` relazzjoni teknika tal-Perit Arkitett David Pace ; illi r-rilevanza ta` dawn iz-zewg proceduri huma illi stabbiliet ezattament il-linji divizorja bejn il-plot 11 u 12, kopja esebita Dok "D";*

*6. ILLI ghalhekk kif ser jirrizulta fil-kors tal-provi u t-trattazzjoni l-linja divizorju bejn iz-zewg plots hija dik ezattament fin-nofs tal-hajt divizorju ;*

*7. ILLI kif ser jirrizulta fil-kors tat-trattazzjoni, peress illi dan il-hajt qatt ma kien hajt ta` appogg, izda biss hajt divizorju, kienu parzjalment bnewh l-esponenti u sussegwentement bnew fuqu l-intimati ; illi peress illi l-proprjeta` tal-intimati hija aktar gholja minn dik tal-esponenti, l-esponenti ghandhom dritt li jitolbu u jinsistu illi l-intimati jghollu l-hajt divizorju tal-proprjeta` aktar fil-gholi sad-distanza regolamentari mil-Ligi u dan tul il-hajt kollu ;*

*GHALDAQSTANT L-ESPONENTI jitolbu bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*(i) tiddikjara u tiddeciedi illi l-hajt mibni bejn iz-zewg proprjetajiet jinsab mibni ezattament nofs fuq proprjeta` / plot numru 12 proprjeta` tal-esponenti u nofsu proprjeta` / plot 11 fejn il-linja fin-nofs tal-hajt tinsab fuq il-linja divizorju bejn iz-zewg plots ;*

*(ii) tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati huma obbligati ghar-ragunijiet fuq esposti illi jghollu l-hajt sad-distanza regolamentari kif statwit fil-Ligi ;*

*(iii) tikkundanna konsegwentement lill-intimati sabiex jghollu tali hajt divizorju sad-distanza hekk ordnata mill-Qorti fi zmien qasir u perentorju a spejjez tal-intimati u taht is-supervizjoni ta` Perit nominandi u fin-nuqqas tawtorizza lill-esponenti sabiex a spejjez tal-intimati jaghmlu tali xoghlijiet u dan minghajr aktar xkiel jew oppozizzjoni mill-intimati.*

Bl-ispejjez u bir-riserva ta` kull dritt u azzjoni fil-Ligi; l-intimati ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fil-11 ta` Jannar 2008 li taqra hekk –

*1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom u dan stante li mhux minnu li l-linja divizorja tinsab ezattament fin-nofs tal-hajt de quo, imma ghandu jirrizulta li qieghed sew gewwa l-proprjeta` tal-esponenti – ghaldaqstant l-esponenti jikkontendu li l-atturi m`ghandhom ebda drittijiet ghal fuq dan il-hajt jew biex jaghmlu t-talbiet odjerni ;*

*2. Illi in oltre, dan il-hajt ma nbeniex mill-atturi, lanqas in parti, izda mill-esponenti u / jew l-awturi taghhom, u ma jistax ghalhekk jitqies li huwa wiehed komuni – ghaldaqstant l-atturi ma jistghux jippretendu li jghollu l-hajt de quo ghaliex l-Artikolu 414 tal-Kodici Civili ma japplikax ghalihom ;*

*3. Illi l-hajt de quo ma jwassalx ghal fuq il-bejt tal-esponenti – ghaldaqstant lanqas ma jistghu l-atturi japplikaw l-Artikolu 427 tal-Kodici Civili favur taghhom ;*

*4. Illi t-talbiet odjerni ma jirriflettu xejn ghajr pika minhabba tieqa li taghti ghal fuq il-bitha interna tal-esponenti u li wiehed ma jistax ihares ghal fuq is-swimming pool mibnija mill-atturi, materja li fformat il-mertu tal-Mandat ta` Inibizzjoni Nri 683/07 GV 689/07 GV, decizi minn din l-istess Onorabbli Qorti kif preseduta wara li din l-Onorabbi Qorti stess accediet fuq il-post ;*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, u in linea sussidjarja, huwa opportun li l-atturi jipprovaw it-titolu taghhom fuq l-art immedjatament adjacenti ghall-hajt de quo – dan jinghad bir-rispett ghaliex l-atturi xtraw bil-kejl kif indikat fir-Rikors Guramentat odjern, u se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza li fil-fatt qed jokkupaw iktar art minn dak li xtraw effettivament, u dan meta l-art immedjatament adjacenti l-hajt de quo kienet soggetta ghal diversi kontestazzjonijiet mill-girien kollha tul is-snin minhabba l-fatt li l-pjanti ta` dawk l-akkwati ma jirriflettux ezattament id-daqs tal-art li kien hemm u li effettivament inbieghet – jekk jirrizulta talvolta li l-atturi m`humiex il-proprjetarji ta` din il-bicca art ghandu jsegwi li ma jkollhom la dritt u lanqas interess guridiku sufficjenti sabiex jaghmlu t-talbiet odjerni ;*

*6. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-hajt de quo dejjem intuza mill-konvenuti, u prezentement jintuza ghall-iskop specifiku ta` ventilazzjoni ghall-bitha interna tal-esponenti, b`dan li jekk jintlaqghu t-talbiet attrici, dan ser ikun ta` pregudizzju ghall-esponenti, inkluz kwistjonijiet ta` sahha u sanita` ;*

*7. Illi f`dan il-kuntest, l-esponenti qeghdin minn issa jirriservaw id-drittijiet taghhom ghal danni naxxenti mill-Artikolu 416 tal-Kodici Civili ;*

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti.

Rat id-digrieti tal-14 ta` Mejju 2008 (fol 60) u tal-11 ta` Gunju 2008 (fol 86) fejn din il-Qorti diversament presjeduta nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Av. Mariella Schembri Gonzi sabiex tigbor il-provi tal-partijiet.

Rat id-digriet taghha tal-15 ta` Mejju 2011 (fol 252) fejn ordnat illi jigu allegati mal-atti tal-kawza tal-lum l-atti tal-Mandat ta` Inibizzjoni Nru 683/2007 GV fl-ismijiet Michael Warrington et vs Keith Scerri et u dawk tal-Mandat ta` Inibizzjoni Nru 689/2007 fl-ismijiet Keith Scerri et vs Michael Warrington et.

Rat l-atti taz-zewg procedimenti li kienu allegati.

Rat illi l-Assistent Gudizzjarju gabret il-provi kollha tal-partijiet.

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet tal-atturi, in-nota responsiva tal-konvenuti, ir-replika tal-atturi u r-risposta tal-konvenuti ghar-replika tal-atturi.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-21 ta` Frar 2013 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidrat :**

## II. **Provi**

**L-attur** xehed illi huwa xtara l-art mertu ta` din il-kawza fil-15 ta` Marzu 1992. L-art hija Plot 12 u tinsab fi Triq il-Modd, l-Ibragg. Qabel sar il-kuntratt, wahda mill-kondizzjonijiet tal-konvenju kienet li s-*surveyor* tal-venditur kellu jmur fuq il-post u jimmarka l-punti u l-outline tal-art. U hekk sar. Il-pjanta li kienet annessa mal-kuntratt ta` akkwist tal-konvenuti kienet l-istess wahda tal-kuntratt li bih hu xtara. Il-punti li mmarka s-*surveyor* jidhru fil-pjanta esebita bhala Dok MW1 li hija l-pjanta tal-kuntratt tal-akkwist tal-atturi. Il-punti huma markati bl-ittri Z X Y B u A. Meta gie biex jibni, huwa talab biex imur fuq il-post is-*surveyor* tal-Gvern. Dan pero` mmarka konfini differenti minn dawk li kienu gew immarkati mis-*surveyor* ta` qabel. Il-konfini li mmarka s-*surveyor* tal-Gvern jidhru fil-pjanta Dok. MW1 u huma mmarkati Z1 u A1. Ir-rizultat kien illi l-plot tieghu kibret min-naha tal-punent bi tnax (12)-il pied u disa` (9) pulzieri, filwaqt illi l-kantuniera tal-plot li qabel kienet minn punt A sa punt B, saret minn punt B sa punt A1. Ghalhekk kantuniera ta` ghoxrin (20) pied saret ta` erbghin (40) pied. Meta gara dan, huwa ta struzzjonijiet lill-perit tieghu sabiex jikteb lill-PAPB sabiex jaghti l-kunsens li l-kantuniera terga` tigi ridotta ghal kif kienet qabel, jigifieri ghoxrin (20) pied, izda meta gara dan, il-faccata ccaqalqet ghal punti B1 u A 2.

L-attur kompla jixhed illi l-intenzjoni tieghu kienet dejjem li jizviluppa s-sit Immarkat MNYX fil-pjanta Dok MW1. Meta beda jibni u beda jiskava fuq in-naha tat-tramuntana, tkellem mal-girien tal-plot tlettax (13). Saret laqgha fuq il-post biex tigi stabbilita l-linja divizorja bejn plot tnax (12) u plot tlettax (13). Saret kitba b`riferenza ghal punti ta` riferiment ghal linja Z1 sa M, izda l-kitba qatt ma kienet iffirmata. Il-hajt tela` u baqa` fil-post. Ma kienx hemm problemi dwar il-linja divizorja.

L-attur ighid illi fl-1990 inqalghet kwistjoni bejn il-partijiet. Sar arbitragg. L-arbitru kien il-Perit Michael Angelo Refalo. Fid-decizjoni tieghu (Dok C) l-arbitru qal illi xejn m`hemm li jindika li l-qasma bejn il-proprjetajiet tal-partijiet inbidlet minn kif is-sidien originali kienu l-ewwel qasmu l-art fi plots. L-attur jaghmel ukoll riferenza ghall-atti ta` mandat ta` inibizzjoni li ttentaw jaghmlu kontra tieghu s-sidien ta` plot hdax (11). It-talba taghhom ghall-hrug tal-mandat kienet michuda bi provvediment li nghata fis-17 ta` Novemrbu 1997.

L-attur fisser illi ghal habta tal-1988, Jack Scerri li jigi missier il-konvenut beda jibni u nqala` dizgwid mas-sid ta` plot tlettax (13). Fl-istess zmien kienet saret laqgha ghand il-Perit Carm Lino Spiteri fejn hu ltaqa` ma` missier il-konvenut. Kien prezenti certu Bertu Borg li kien ghamel is-*survey* originali tal-artijiet in kwistjoni. Il-laqgha saret ghaliex sid il-plot numru tlettax (13), kien qieghed ighaddi minn fuq bicca art li kienet tissepara l-bini tal-attur mill-plot tal-konvenut; ghalhekk l-attur tella` hajt ta` zewg filati. L-attur ighid illi l-hajt li bena bejn punti Y u X fuq il-pjanta Dok MW1 sar meta hu ghamel is-*swimming pool* u nqalghu l-kwistjonijiet. Ippreciza illi huwa bena mhux biss dik il-parti tal-hajt li tidher fir-ritratt Dok MW 5, izda bena wkoll l-pedamenti tal-hajt. Dak il-hajt kien twaqqa` min-naha ta` Jack Scerri, kif jidher minn ritratt Dok. MW1.

L-attur ikompli jghid illi kien hemm zmien meta Jack Scerri kien ipprova jixtri minghandu l-art mmarkata MXYN, izda hu ma kienx interessat ibiegh. Ghal habta tal-2001-2002, il-konvenut ried itella` sular iehor fuq il-proprjeta` tieghu u talab il-permess tieghu sabiex iwaqqa` l-hajt divizorju tal-gebel li l-attur kien bena u li kien ta` xi seba filati, u jibni minflok hajt bil-bricks ghaliex ried jaghmel xi kmamar. L-attur accetta, izda meta l-konvenut rega` tella` l-hajt, tellghu biss fuq dik il-parti li kienet tinsab bejn iz-zewg *internal yards*. Kien ghalhekk li saret il-kawza tal-lum. Inoltre l-konvenut kien qed jallega illi l-uzu tal-hajt kien tieghu biss. L-attur ikkontesta dik il-pretensjoni ghaliex kien hu li bena l-hajt tal-*front garden* ta` bejn iz-

zewg plots, li kien komuni ghat-tnejn. L-istess kien ighodd ghall-hajt tal-bitha u ghall-hitan fil-livell tal-*basement*.

Fix-xiehda tieghu, l-attur jaghmel ukoll riferenza ghar-rapport tal-Perit David Pace esebit bhala Dok D fl-atti tal-mandat ta` inibizzjoni.

Fil-**kontroezami**, l-attur kien mistoqsi jekk illum l-art tieghu kenitx akbar fil-kejl mill-kejl li bih huwa kien akkwista bil-kuntratt tieghu. L-attur wiegeb illi mhux hekk kien il-kaz ghaliex ighid illi huwa xtara l-art kollha u kien qieghed jokkupa l-art illi xtara. Mistoqsi jekk sa ftit snin qabel kienx hemm porzjon art bejn il-proprjeta` tieghu u dik tal-konvenut li ma kienitx ghadha zvilupata, l-attur wiegeb illi dak kien aktar minn ghoxrin sena ilu. Jikkonferma li meta bena l-kamra bl-i*swimming pool* fuqha, kien qabbad mal-hajt tal-konvenut permezz ta` maduma. Fil-fatt mhux maduma biss kien hemm ghaliex is-soqfa tad-dar kienu mqabbdin sa nofs il-hajt, kif kellu kull dritt jaghmel ladarba nofs il-hajt kien propjeta` tieghu.

B`referenza ghall-pjanta Dok MW1, l-attur kien mistoqsi jekk meta zviluppa l-art kienx wasal sal-punti M u N. L-attur wiegeb illi hu zviluppa minn Z, A2, B1, L. Kien mistoqsi dwar iz-zmien meta ghamel x-xogholijiet fil-parti MY NY. L-attur wiegeb illi ma kienx jiftakar. Qal li huwa kien tella` hajt ta` zewg filati sal-punt XY u eventwalment ghamel zvilupp aktar sostanzjali billi tella` hajt minn M X Y N. Jikkonferma li l-hajt li dwaru hemm din il-kwistjoni huwa l-hajt mibni fuq il-linja Y u W u li jinsab mibni fin-nofs bejn il-propjeta` tieghu u dik tal-konvenut. Isostni li originarjament huwa kien bena hajt fuq il-punti M X Y N. Dak il-hajt kien twaqqa` minn Jack Scerri. Il-konvenut bena hu l-hajt fuq dawk il-punti. Il-hajt huwa komuni. Mistoqsi jekk fir-realta` il-kwistjoni ratx il-bidu taghha wara li hu ghamel il-*pool*, l-attur wiegeb illi huwa kien konvint illi l-konvenut seta` jhares minn tieqa li taghti ghal dan il-*pool*. Dan inbena qabel il-konvenut tella` t-tieni jew it-tielet sular

tad-dar tieghu u qabad u fetah tieqa ghal fuq il-*pool*. Kien hemm li huwa gholla parti mill-hajt X Y.

**<u>Il-Perit David Felice</u>** xehed illi huwa kien il-perit tal-attur. Ipprezenta rapport li sar mill-Perit Paul Camilleri fl-atti ta` mandat ta` inibizzjoni numru 3603/98 – Dok. DF1. Ipprezenta wkoll rapport li hejja huwa stess – Dok. DF 2 – mnejn jirrizulta fost affarijiet ohra li kien hemm l-appogg u dan kien jafu kulhadd. Huwa appogg komuni ; jirreferi ghal paragrafu 7 tar-rapport tieghu fejn jinghad illi – *it is here intended to construct a wall that is distinct from the common wall to reduce the* … Ipprezenta wkoll rapport iehor tal-Perit Kevin Abela – Dok. DF 3 – datat 13 ta` Ottobru 1998, li kien parti mill-atti tal-mandat.

**<u>Il-Perit David Pace</u>** ikkonferma r-rapport markat Dok D. Fl-istess waqt ipprezenta kopja aktar cara ta` l-istess rapport li kienet markata bhala Dok DPX1.

**<u>Il-konvenut</u>** xehed illi huwa kien ilu jghix fil-post in kwistjoni mill-2002. L-art kienet ta` missieru u hu xtraha minghandu qabel izzewweg. Missieru u l-attur kienu xtraw il-plots bil-kejl ; kien is-sid stess li kien qasam l-art tieghu fi plots u wara beda jbiegh. Il-konvenut jirreferi ghall-kejl tal-art li akkwista l-attur. Ighid illi l-proprjeta` tal-attur kellha titkejjel mit-triq ghaliex huwa hekk xtara. Skond il-konvenut, il-kejl tal-art tal-attur minbarra t-triq irid ikun ta` 201.96 mk. Fil-fatt l-attur qed jokkupa art akbar minn dak il-kejl. Ighid illi l-kwistjoni bdiet meta saret it-triq fl-1979 ghaliex it-triq saret aktar `il barra milli fejn kellha tkun. Meta nbieghu u nbnew il-plots, tkejjlu mit-triq. L-attur bena fuq li kien xtara pero` l-pjanta tal-kuntratt tieghu kienet turi xort`ohra kif ikkostata l-Perit David Pace. L-attur bena mit-triq `il gewwa u ghalhekk ma kienx imiss mal-art li kien akkwista missier il-konvenut bil-konsegwenza li bejn il-hajt tal-attur u l-art ta` missier il-konvenut, kien hemm spazju konsiderevoli. Meta l-konvenut zviluppa l-art tieghu, iz-zewg proprjetajiet ma kienux imissu ma` xulxin. Skond il-konvenut, l-attur kien

qieghed jipprova japprofitta ruhu mill-estensjoni tat-triq sabiex jokkupa art aktar milli fil-fatt kien akkwista. L-art ta` bejn il-proprjetajiet tal-partijiet kienet kostatata wkoll mill-arbitru Perit Michael Angelo Refalo. Skond il-konvenut, l-attur ghamel dik l-art tieghu biex bena kamra u fuqha bena swimming pool. Ikkontesta l-pretensjoni tal-attur illi qabbad mal-hajt tal-fond tieghu ghaliex li ghamel kien illi ghaqqad l-ispazju permezz ta` maduma. Il-konvenut jikkontendi illi huwa bena hajt kollu kemm hu fuq il-proprjeta` tieghu. Ghalhekk ikkontesta l-pretensjoni attrici illi l-hajt kien mibni fuq il-linja divizorja. Il-hajt inbena minn missieru u l-attur ma hallas xejn tieghu.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>L-atti tal-mandati</u>**

Fil-kawza tal-lum, saret riferenza estensiva ghal zewg mandati ta` inibizzjoni, li l-atti taghhom jinsabu allegati. **<u>Dawk l-atti jikkostitwixxu prova</u>**.

Bir-rikors **<u>Nru 683/2007</u>**, l-atturi kienu talbu l-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni kontra l-konvenuti sabiex il-konvenuti jigu inibiti milli jfixkluhom milli jghollu l-hajt divizorju ta` bejn il-propjetajiet taghhom. Kienet esebita skrittura privata tas-7 ta` Novembru 1983 bejn l-attur u l-proprjetarji ta` plot 13. Fl-iskrittura kienu mmarkati diversi punti u distanzi. In kwantu ghal dak li jirrigwarda din il-kawza, il-punti rilevanti jidhru fuq l-pjanta li kienet annessa ma` l-iskrittura u huma l-punti B sa F. Dawn ghandhom kejl totali ta` 20.30 m. Jidher ukoll minn din il-pjanta li l-kejl tal-proprjeta` tal-attur li tikkonfina mal-proprjeta` tal-konvenuta ghandha kejl ta` 14.22 m.

Kien prezentat id-digriet li kien inghata wara r-rikors **<u>Nru 578/1990</u>** ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni fejn Gioacchino sive Jack Scerri (ghal Jacksons Company

Limited) missier il-konvenut kien talab sabiex l-attur ikun inibit milli jibni fuq art li l-istess Scerri kien qed ighid illi kienet tieghu. Jacksons Limited ibbazat il-pretensjoni taghha fuq il-premessa illi l-art taghha kellha daqs li fil-fatt kien inqas milli kien ighid il-kuntratt tal-akkwist taghha. L-art fejn ried jibni l-attur ma kenitx inkluza fil-kuntratt li bih l-attur kien akkwista. Fid-digriet, inghad hekk – … *mill-kejl li ha l-perit tekniku mahtur mill-qorti rrizulta li ma hu minnu xejn li hemm xi nuqqas fil-kejl ta` l-art li ghandha s-socjeta` rikorrenti*.

Bir-rikors Nru **689/2007**, il-konvenuti kienu talbu l-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni kontra l-atturi sabiex dawn jigu inibiti milli jtellghu opramorta f`art li skond il-konvenuti kienet tappartjeni lilhom. Kienipprezentat rapport li l-Perit David Pace kien ressaq fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni **578/1990** (fuq riferiti). Minn dak ir-rapport jirrizulta – i) li l-art li kienet in kwistjoni kellha kejl ta` 360 mk ; ii) li l-konvenuti fil-fatt kellhom daqs ta` art kemm kien indikat fil-kuntratt tal-akkwist taghhom ; iii) li l-kawza tal-anomalija fl-allegata art *zejda* bejn il-proprjetajiet kienet l-ispostatament tal-linja tat-triq quddiem plots tnax (12) u tlettax A (13A). Fil-pag 16 tar-rapport peritali jinghad illi t-tqassim tal-plots ma hax in konsiderazzjoni l-ispostament tal-linja tat-triq. Li kieku nghatat dik il-konsiderazzjoni, l-art 'zejda` kienet tmur a favur ta` plot 12 li ghandha faccata direttament fuq dik il-parti tat-triq. Il-perit tekniku qal ukoll illi – *Ghalhekk l-art in kwistjoni taghmel parti mill-plot tal-intimat (Warrington) u t-talbiet tar-rikorrenti kontenuti f`dan ir-rikors ghandhom jigu respinti***.**

Kien ukoll esebit il-lodo fl-arbitragg ta` bejn is-sid tal-plot 13 u Jacksons Company Limited li kienet is-sid ta` plot 11. Hemm kellha tigi stabbilita l-linja divizorja ta` bejn dawk iz-zewg plots. Minn dak il-lodo, jirrizulta li l-bicca mhux zviluppata inholqot ghaliex Triq il-Modd giet ipprolungata. Hekk jidher minn paragun tal-faccata ta` plot 12 kif inhi illum u cioe dik immarkata `Warrington` fuq

il-pjanta PT annessa mar-relazzjoni a fol 28. Dik il-fehma hija kondiviza mill-Perit David Pace fir-rapport tieghu.

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>Risultanzi</u>**

L-atturi jghidu illi fil-mori tal-kawza, il-konvenuti bidlu l-posizzjoni taghhom fil-kawza ghaliex waqt illi fl-eccezzjonijiet jikkontendu li l-art in kontestazzjoni hija propjeta` taghhom, aktar tard fil-kawza jsostnu li l-art tappartjeni lil terzi. L-atturi jirreferu ghar-relazzjoni tal-Perit David Pace. Isostnu li bil-fatt biss illi missier il-konvenut ipprezenta ruhu biex jixtri dik l-art hija prova li l-art ma kenitx tappartjeni lill-konvenuti. Fir-rapport tieghu, il-Perit Pace esprima ruhu fis-sens illi l-hajt in kwistjoni kien komuni u kien mibni fuq il-linja divizorja bejn il-proprjetajiet tal-partijiet. L-atturi jsostnu illi bhala kompropjetarji tal-hajt huma kellhom il-jedd li jghollu dak il-hajt skond kif previst mill-**<u>Art 414 tal-Kap 16</u>**. Jaghmlu riferenza ghas-sentenzi '**<u>Grima et vs German</u>'** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-24 ta` Settembru 2004, u '**<u>Young vs Muscat</u>'** deciza minn din il-Qorti (**<u>PA/TM</u>**) fit-12 ta` Dicembru 2002.

Min-naha taghhom, il-konvenuti jinsistu illi l-kwistjoni kollha nqalghet minhabba bdil fl-allinjament tat-triq. Dan gab dizgwid bejn is-sidien ta` plot 13 u l-atturi. Sar ftehim li ffissa l-qisien tal-hitan divizorji. Saret riferenza ghall-arbitragg li kien sar bejn is-sid ta` plot 13 u missier il-konvenut sabiex tigi risolta l-kwistjoni tal-linja divizorja bejn iz-zewg proprjetajiet. Il-posizzjoni tal-konvenuti hija li skond l-atti tal-mandati ta` inibizzjoni l-atturi ma humiex proprjetarji ta` l-art in kwistjoni.

Meqjusa t-talbiet u l-eccezzjonijiet, din il-Qorti tghid illi dak li jrid jigi stabbilit mill-ewwel huwa ta` min hija l-art li

fil-pjanta Dok. MW1 (a fol 61) hija markata bil-punti M X N Y, u dan peress illi l-hajt in kwistjoni inbena fuq il-linja X Y. Fil-procedimenti kollha li ngabu ghall-konjizzjoni ta` din il-Qorti, huwa evidenti li d-dritt fuq dik il-porzjon art ilu l-mertu ta` kontestazzjoni bejn il-partijiet fil-kawza tal-lum u s-sid tal-plot 13. Irrizulta li l-art fl-intier taghha kienet proprjeta` ta` persuna wahda li qasmitha fi plots u ttrasferiethom lil persuni differenti. L-attur xtara fil-15 ta` Marzu 1993. Il-kuntratt kien ippubblikat min-Nutar Maurice Gambin. Skond il-kuntratt, l-attur akkwista plot 12. Il-kejl taghha kien ta` 76.92 qk ; minnhom kien specifikat li 33.29 qk kienu il-*building site*, 14.99 qk ghall-*front garden* u 28.65 qk ghal *road formation*. Skond il-kuntratt, il-konfini ta` plot 12 kienu *east by property of Gioacchino Scerri, south and west by a projected new street without name and north by property of Architect Anthony Muscat and of Richard Cachia as shown on the plan attached herewith and marked as Document A*. Minn ezami tal-pjanta tal-kuntratt a fol 8, jirrizulta li l-plot tal-attur fl-intier taghha tasal sa plot 11, li hija proprjeta` tal-konvenut. Fil-pjanta a fol 8, ma tidher l-ebda bicca art zejda, kif jidher fid-Dok MW1. L-attur xehed illi qabel akkwista l-art, huwa gab fuq is-sit lis-surveyor tal-venditur li mmarka l-punti li juru d-daqs tal-plot. Il-punti huma Z X Y B u A fid-Dok MW1. Il-punti kienu nbidlu ftit meta mar fuq il-post is-*surveyor* tal-Gvern. Pero` ma jirrizultax illi s-*surveyor* tal-Gvern bidel il-punti Y u X li jmissu mal-proprjeta` tal-konvenut. Bidel il-punti Z ghal Z 1 u A and A 1, u cioe` il-faccata tal-plot tal-attur. Trid tinghata ukoll konsiderazzjoni ghal prova ohra kostitwita mir-relazzjoni tal-Perit David Pace fejn jirrizulta stabbilit li l-art kontestata kienet ta` l-atturi. Din il-Qorti m`ghandhiex provi ohra daqstant determinanti li jipprovaw illi mhux hekk huwa l-kaz. Ghalhekk din il-Qorti tghid illi l-plot tal-atturi testendi sal-linja divizorja li hemm bejn il-plot tal-attur u l-plot tal-konvenut u l-bicca art M X N Y indikata fid-Dok MR1 hija propjeta` tal-attur.

Dwar il-hajt, din il-Qorti taghmel riferenza ghall-**Art 409 tal-Kap 16** li jaqra hekk –

*(1) Jekk ma jkunx hemm sinjal jew prova ohra li juru l-kuntrarju, il-hajt li qieghed biex jaqsam bini minn bini iehor jitqies li huwa komuni sal-quccata, u meta dan il-bini u l-iehor ma jkunux ta` gholi wiehed, sa metru u tmenin centrimetru minn fejn wiehed mill-bini jibda biex ikun aktar gholi.*

*(2) Il-bicca tal-hajt li taqbez metru u tmenin centimetru fuq l-gholi tal-bini l-aktar baxx, titqies li hija tas-sid tal-bini aktar gholi.*

*(3) Jekk min-naha wahda jkun hemm bini, u, min-naha l-ohra bitha, gnien jew ghalqa, il-hajt jitqies li hu kollu ta` sid il-bini.*

Fil-ligi taghna, hemm il-presunzjoni li hajt li jaqsam fond minn iehor huwa komuni. Hemm ukoll presunzjoni ohra u cioe` illi meta min-naha wahda ikun hemm bini, u minn naha l-ohra jkun hemm bitha, gnien jew ghalqa, il-hajt jitqies li huwa kollu ta` sid il-bini. Qeghda ssir riferenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/PS**) tas-16 ta` Gunju 2003 fil-kawza "**Mifsud vs Darmanin**" fejn inghad hekk –

*Hu risaput minn dak stabbili fil-Kodici Civili, ex-Artikolu 409 tieghu, illi, salv dak li jinghad fis-subinciz (2) tieghu, s- subparagrafu (1) johloq presunzjoni ta` komunjoni rigward hajt li qieghed jaqsam fond minn iehor. L-istess artikolu tal-ligi jistabilixxi presunzjoni ohra fis-sens illi fejn minn naha wahda jkun hemm bini, u minn naha l-ohra bitha, gnien jew ghalqa, il-hajt jitqies li hu kollu ta` sid il-bini [subinciz (3)]. Fl-ewwel paragrafu, imbaghad, ta` l-artikolu segwenti 410, il-Kodici Civili jissokta jipprovdi li l-hajt li qieghed biex jaqsam btiehi, gonna jew ghelieqi, jitqies ukoll komuni, fin-nuqqas ta` sinjal jew prova ohra li juru l- kuntrarju ;*

*Kif dottrinalment espost din il-presunzjoni ta` komunjoni ssib il-fondament taghha fl-interess li ghandhom il-proprjetarji tal-fondi kontigwi. Dan skond it-taghlim tal-**Pacifici-Mazzoni** ("Codice Teorico – Pratico di*

*Diritto Civile", Vol. II para. 377). F`dan is-sens ukoll id-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Cachia –vs- Joseph Darmanin et",** Appell Civili, 18 ta` Marzu 1977 ;*

*Il-komunjoni jew il-proprjeta` esklussiva ta` hajt, kif traccjat u dezunt mill-precitati disposizzjonijiet, "si puo provare tanto con un titolo quanto con qualunque altro segno che, avuto riguardo all` epoca in cui fu fatto esclude, o, secondo i casi, indichi la comunione" (**Vol. XVI P II p 221)** ;*

L-attur ighid li huwa bena l-hajt fuq il-punti X u Y (ara l-pjanta Dok MW1) meta gie biex jibni s-*swimming pool*. Ighid illi bena mhux biss il-parti tal-hajt li tidher fir-ritratt Dok MW5 izda bena wkoll il-pedamenti tal-hajt. Isostni li fl-2001-2002, wara li huwa kien accetta li l-konvenut iwaqqa` l-hajt u jerga` jibnieh ghar-raguni li kienet spjegata aktar kmieni, il-konvenut tella` l-hajt bejn iz-zewg btiehi interni. Isostni l-attur illi hu bena l-hitan kollha u meta bena l-*pool* qabbad is-soqfa tad-dar mal-hajt. Min-naha l-ohra, hemm l-insistenza tal-konvenut illi l-hajt inbena minn missieru fuq il-proprjeta` tieghu.

Din il-Qorti tghid illi diga` stabbiliet li l-punti X u Y hija l-linja divizorja bejn il-proprjeta` tal-attur u dik tal-konvenut. Issa trid tistabilixxi jekk il-hajt kienx mibni fuq dik il-linja divizorja. Fil-kawza tal-lum, ma saret l-ebda talba mill-partijiet biex jinhatar perit tekniku. Il-Qorti sejra ghalhekk tirreferi ghall-fini ta` prova ghall-kostatazzjonijiet li ghamlu periti li xehdu fil-kawza. Il-perit tal-atturi kien il-Perit David Felice waqt li l-perit tal-konvenuti kien il-Perit Kevin Abela.

Fir-rapport tieghu (ara fol 222) il-Perit David Felice ighid hekk *inter alia* –

*It is here intended to construct a wall that is distinct from the common wall, to resist the side pressure of the body of water and to control water penetration.*

*The said party wall is not being utilised as part of the structural wall …*

*Above the level of the coping of the pool, the party wall will be tiled to an appropriated height to avoid any humidity caused by splashing.*

Fir-rapport tieghu (ara fol 225), il-Perit Kevin Abela ighid –

*The proposed water retaining wall construction of the pool shall apparently abut directly against and partially utilise the party wall with the obvious inherent damages that could arise from such a proposal.*

Ghalkemm iz-zewg rapporti jidher li nkitbu meta kienu qeghdin isiru x-xogholijiet, jirrizulta miz-zewg rapporti li dak il-hajt ta` bejn iz-zewg fondi kien qieghed jitqies bhala hajt divizorju, u allura komuni, u l-Qorti m`ghandhiex prova ohra determinanti u konklussiva li turi l-kuntrarju. Tenut kont tal-presunzjoni tal-ligi, u l-provi fl-assjem taghhom, in partikolari r-ritratti li kienu esebiti kemm f`din il-kawza kif ukoll fl-atti tal-mandati ta` inibizzjoni, jirrizulta anke fuq bilanc ta` probabilitajiet illi dak in kwistjoni huwa hajt komuni mibni bejn zewg btiehi interni. L-ewwel talba hija ghalhekk fondata fil-fatt u fid-dritt.

In kwantu ghat-tieni talba, din il-Qorti tosserva illi l-atturi jikkontendu li ghax il-hajt huwa divizorju, u nbena minnhom in parte bil-konvenuti jibnu fuqu wkoll, u billi l-proprjeta` tal-konvenuti hija aktar gholja minn taghhom, isostnu li ghandhom dritt jinsistu illi l-konvenuti jghollu l-hajt divizorju tal-proprjeta` aktar fil-gholi sad-distanza regolamentari mil-ligi u dan tul il-hajt kollu.

Din il-Qorti taghmel riferenza ghall-**Art 408 u 410 tal-Kap 16**.

Skond l-**Art 408**, il-hajt li jaqsam zewg btiehi ghandu gholi tliet metri u nofs.

Skond l-**Art 410**, il-hajt li jaqsam btiehi jitqies komuni, fin-nuqqas ta` sinjal jew ta` prova ohra li turi l-kuntrarju. Jekk il-hajt jaqsam btiehi li qeghdin wahda f`invell aktar gholi minn dak ta` l-ohra, il-bicca tal-hajt li, meta jittiehed b`qies il-fond aktar baxx, taqbez il-gholi ta` tliet metri u nofs titqies li hija ta` sid il-fond aktar gholi.

Bl-applikazzjoni ta` dawn id-disposizzjonijiet, din il-qorti tghid illi l-gholi tal-hajt divizorju bejn il-fond tal-atturi u l-fond tal-konvenuti ghandu jkun ta` tlett metri u nofs (3.50 m).

Dan premess, din il-Qorti tosserva illi fit-tieni talba, l-atturi qeghdin ighidu li l-konvenuti *huma obbligati …illi jghollu l-hajt sad-distanza regolamentari kif statwit fil-Ligi.* U fit-tielet talba mbaghad qeghdin ighidu li t-titligh ghandu jsir mill-konvenuti spejjez taghhom fi zmien li tipprefigi l-qorti u jekk il-konvenuti jonqsu, allura x-xoghol isir mill-atturi, a spejjez tal-konvenuti.

Huwa evidenti illi mill-mod kif huma dedotti t-tieni u t-tielet talbiet, l-atturi qeghdin jippretendu li l-ispiza tat-titligh tal-hajt hija kollha kemm hi a kariku tal-konvenuti. U fin-nota ta` osservazzjonijiet taghhom (ara fol 309 – minn para 20 sa 23) l-atturi jaghmlu riferenza specifika ghall-**Art 414 tal-Kap 16.**

**L-Art 414** jaqra hekk –

*Kull komproprjetarju jista' jgholli l-hajt komuni, izda ghandu jhallas l-ispejjez mehtiega -*

*(a) ghat-titligh tal-hajt ;*

*(b) biex tinzamm fi stat tajjeb ta' tiswija l-bicca li taqbez il-gholi tal-hajt komuni ;*

*(c) biex isiru dawk ix-xoghlijiet li jkunu mehtiega sabiex jerfghu l-piz li jizdied bit-titligh tal-hajt, b'mod li l-hajt jibqa' qawwi xorta wahda.*

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/PS**) tat-28 ta` Mejju 2003 fil-kawza "**Mallia vs Schembri**" inghad hekk –

*Gie stabbilit illi "il compropietario che vuole innalzare deve non solo sopportare le spese dell`innalzamento e quelle delle riparazioni e di mantenimento dell`alzata superiore al muro comune ma sono anche a suo carico le opere occorrenti per sostenere il maggior peso derivante dall`innalzamento in modo che il muro riesca ugualmente solido, e se il muro non e` atto a sostenere tale innalzamento quegli che vuole innalzarlo e` tenuto a farlo ricostruire a sue spese." (**Vol. XXI P II p 12).***

Din il-Qorti hija tal-fehma illi t-tifsira korretta ta` dik id-disposizzjoni mhijiex dik pretiza mill-atturi. Skond dik id-dispozizzjoni, mehuda fl-assjem taghha, izda l-aktar fil-parti tal-bidu taghha, l-atturi bhala kompropjetarji tal-hajt komuni ghandhom dritt ighollu dak il-hajt sal-gholi ta` tliet metri u hamsin centimetri (3.50 m) u l-konvenuti, ghalkemm kompropjetarji wkoll ta` dak il-hajt, m`ghandhomx jedd jopponu jew ifixklu l-esercizzju ta` dak il-jedd. Fl-istess waqt izda l-ispejjez mehtieg ghat-titligh tal-hajt (*subinciz a*) u l-ispejjez l-ohra relatati (*subincizi b u c*) huma a kariku tal-atturi u kwindi ma jistghux jigu addebitati lill-konvenuti. Kif dedotti ghalhekk it-tieni u t-tielet talbiet ma jistghux jigu milqugha, anke b`rispett

ghall-principju tad-dritt illi l-Qorti ghandha toqghod fuq il-kawzali u t-talba dedotta u xejn izjed.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti tiddisponi mit-talbiet u mill-eccezzjonijiet billi taqta` u tiddeciedi hekk –**

**Tilqa` l-ewwel talba.**

**Tichad it-tieni u t-tielet talbiet.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------